MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 1125/2006

**Patrick Gatt**

**vs**

**Malta Freeport Terminals Limited (C 27581)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' Patrick Gatt li permezz tieghu, wara li ppremetta illi:

Huwa impjegat bhala "*equipment operator*" mas-socjeta' intimata;

Ghall-habta ta' Marzu 2005 huwa gie trasferit mill-*Engineering Department* ghall-*Operations Department* mal-istess socjeta';

Fit-18 ta’ April 2005 tqiegħed fuq programm ta’ taħriġ sabiex minn grad *F Operator* jingħata l-grad ta’ *F1 Operator*;

Fil-11 ta’ Mejju 2005, waqt li kien qed jopera *quay crane* bħala parti mill-iskeda tal-imsemmi taħriġ, kien involut f’incident waqt li kien qed iħott *container* ta’ 40 pied mill-istiva tal-vapur MV North Africa 1;

Waqt din l-operazzjoni ta’ taħriġ huwa tħalla waħdu billi l-*clerk* li kellu jkun abbord qed jaralu ma kienx hemm, filwaqt li l-*instructing operator* li kellu jkun fil-gabina tal-*crane* ukoll ma kienx fil-gabina tal-*crane*;

B’rizultat ta’ dan l-incident, ir-rikorrent sofra danni fuq il-persuna tiegħu konsistenti f’dizabilita’ permanenti f’għonqu u f’daħru kif certifikat mill-Kirurgu C Sciberras (Dok. A) oltre li tilef ammonti konsiderevoli f’tnaqqis mill-paga billi ma setax jagħmel ix-xogħol li altrimenti kien seta’ jwettaq u saħansitra tnaqqaslu l-grad għal dak ta’ *D Operator*;

Għal dan l-incident hija responsabbli s-socjeta’ intimata li naqset li tipprovdi sigurta’ fis-sistema u fuq il-post tax-xogħol;

Interpellata biex tersaq bonarjament għal-likwidazzjoni u eventwali ħlas tad-danni b’ittra tas-7 ta’ Novembru 2005 (Dok. B), is-socjeta’ intimata naqset u għalhekk kellha ssir dina l-kawża.

Talbet is-socjeta’ konvenuta tgħid għalfejn din l-Onorabbli Qorti m’għandhiex:

Tiddikjara li l-incident tal-11 ta’ Mejju 2005 waqt it-taħriġ tal-attur mis-socjeta’ konvenuta ġewwa l-Freeport ġara unikament b’tort tal-istess socjeta’ intimata;

Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrent konsistenti f’*lucrum cessans* u *damnum emergens* in konsegwenza tal-istess incident, okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi;

Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-konvenut in linea ta' danni, l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-14 ta' Novembru 2005, u l-ispejjez ta' dina l-kawza.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta' Malta Freeport Terminals Limited, li in forza taghha eccepiet illi:

Fil-meritu illi s-socjeta' konvenuta mhix responsabbli ghall-incident in kwistjoni billi ma kien hemm ebda negligenza da parti taghha. L-incident gara b'tort u b'negligenza tal-istess attur li naqas mill-attenzjoni rikjesta u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

F'kull kaz, is-socjeta' konvenuta qed tikkontesta il-persentagg tad-dizabilita' li qed jirreklama l-attur u l-*quantum* ta' danni li qed jitlob.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-affidavit prodotti.

Semghet xhieda viva voce.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat ir-relazzjoni tal-perit mediku, il-kirurgu ortopediku Ray Gatt, minn din il-Qorti inkarigat u liema relazzjoni giet konfermata bil-gurament mill-istess espert mediku fl-24 ta' Ottubru 2008.

Rat ir-relazzjoni tal-periti perizjuri, il-kirurgi ortopedici Ivan Esposito, Jason Zammit u Massimo Abela, minnhom debitament konfermat bil-gurament.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-vertenza bejn il-partijiet torigina minn incident fuq il-post tax-xoghol meta Patrick Gatt, impjegat mas-socjeta' Malta Freeport Terminals, kien qieghed jopera crane biex jinhattu containers minn fuq vapur. Il-container li kien qed igorr bil-crane habat ma' crane fiss fuq il-vapur bil-konsegwenza li Gatt ha skoss kbir u wegga'. Qed jitlob dikjarazzjoni mill-Qorti li l-incident gara tort ta' Malta Freeport Terminals Limited, li ghandha thallsu ghad-danni li garrab.

Jirrizulta illi Patrick Gatt kien ilu snin impjegat mas-socjeta' intimata. Beda bhala "handyman". Sussegwentement tharreg fl-uzu ta' "forklifter" imbaghad fl-uzu ta' "rail mounted gantry crane". Fit-18 ta' April 2005 beda jitharreg bhala F1 Operator fl-Operations Department. Dan ix-xoghol ma kienx ghamlu qabel. It-tahrig kellu jtul erba' gimghat u kellu jkun taht is-sorveljanza ta' certu Jesmond Callus. Madanakollu, it-tahrig infatti kien inghata lilu minn diversi persuni ohra wkoll u cioe' Mario Bonnici, Lawrence Mizzi, Rudolph Bonnici u Ray Azzopardi. Fil-11 ta' Mejju 2005 u cioe' tliet gimghat wara li kien beda jitharreg, Patrick Gatt kien qieghed wahdu fil-kabina tal-crane u kien qieghed jahdem wahdu. Kien liebes seatbelt. Hin minnhom, il-container li kien qabad habat u wehel mal-crane fiss tal-vapur u malli inqala', kien hemm skoss kbir. Gatt intilef minn sensih ghal ftit imbaghad gie mghejjun jinzel minn fuq il-crane. Fil-mument tal-incident, ix-ship's clerk, li jkun suppost fuq il-vapur b'komunikazzjoni kontinwa mal-operatur tal-crane, u li huwa l-persuna li jissorvelja l-operazzjoni minn fuq il-vapur, fil-fatt kien illarga minn postu biex imur igib batteriji ghar-radio ghax li kellu kienu spiccaw. Jirrizulta wkoll illi Ray Azzopardi li kien qieghed iharreg lil Patrick Gatt, dakinhar ma kienx qieghed fil-kabina u lanqas ma kien qieghed f'kuntatt kontinwu mieghu bir-radio minn isfel. Dan kollu gie pruvat mid-diversi xhieda li fid-depozizzjonijiet varji taghhom ikkonfermaw u kkorraboraw il-verzjoni tal-akkadut moghtija mir-rikorrenti.

Fl-incident, Patrick Gatt sofra “substantial disc herniation at C6/7 level”. Rapport mediku ex parte jistabbilixxi livell ta’ dizabilita’ permanenti fi 15%, mentri li l-espert inkarigat mill-Qorti jiffissa percentwali ta’ 5%. Periti perizjuri, li ezaminaw lir-rikorrenti wara li dan kien sofra incident iehor fuq il-post tax-xoghol stabbilew li huwa jsofri minn dizabilita’ ta’ 7%. Hadd mill-esperti ma eskluda l-possibilita’ tal-htiega eventwali ta’ intervent kirurgiku.

Peress illi r-rikorrent ma setax jibqa’ jopera cranes, is-salarju tieghu gie mnaqqas mil-livell ta’ F1 ghal-livell ta’ D.

In linea ta’ principji legali, l-obbligu ta’ “employer” li jipprovdi sigurta’ fuq il-post tax-xoghol ghall-impjegati tieghu huwa ben not u stabbilit. Dawn il-Qrati kellhom hafna okkazzjonijiet fejn enfasizzaw dan l-obbligu x’jikkomprendi. Elenku shih ta’ sentenzi ta’ dawn il-Qrati jtennu l-obbligi ta’ ghodda sikura, post sikur u sistema ta’ xoghol sikur, u flimkien ma’ dawn hemm ukoll l-obbligi ta’ min ihaddem li jipprovdi tahrig adegwat ghax-xoghol li jkun qed jaghmel l-impjegat tieghu (ara partikolarment f’dan is-sens “Chetcuti vs Mizzi”, deciza mill-Prim’Awla fl-20 ta’ Gunju 2002). Ta rilevanza wkoll fil-kuntest ta’ dan il-kaz odjern hija s-sentenza “Mallia vs Mizzi” moghtija mill-Prim’Awla fid-9 ta’ Ottubru 2003, fejn il-Qorti qieset ukoll l-obbligu ta’ min ihaddem li jikkonsidra t-tendenza ta’ impjegat li jittraskura galadarba jkun sar familjari sew max-xoghol.

Konsiderati l-fatti tal-incident odjern fid-dawl tal-insenjament tal-gurisprudenza ta’ dawn il-Qrati, din il-Qorti ssib li s-socjeta’ intimata kellha diversi nuqqasijiet, u l-Qorti ser tirreferi ghalihom dettaljatament.

Patrick Gatt kien ghadu fil-fazi ta’ tahrig. Dan it-tahrig kellu jtul erba’ gimghat, ghalkemm xhieda jsemmu perjodi varji kemm suppost itul it-tahrig, liema perjodi jvarjaw bejn erba’ u tmien gimghat.

Minkejja li kien ghadu fit-tielet gimgha ta’ tahrig fuq dan il-crane partikolari (u hawnhekk il-Qorti tistaghgeb bir-referenza tas-socjeta’ intimata fin-nota taghha ghall-fatt li

jithaddem b'semplici joystick – bhallikieku dan il-fatt inaqqas b'xi mod mill-grad ta' serjeta' li bih jigi kkunsidrat l-istess xoghol), Patrick Gatt thalla wahdu fil-kabina fl-gholi jopera l-crane biex ihott containers minn fuq vapur waqt li l-persuna li suppost kienet qieghda tissorveljah ma kinitx magenbu. Ghalkemm din il-persuna, Ray Azzopardi, jghid li kien isfel, u cioe' mal-art b'kuntatt bir-radio, ma giex pruvat li tul il-hin li dam wahdu Gatt, dawn kellhom xi komunikazzjoni bejniethom. Anzi, Peter Stellini, li kien impjegat tal-Freeport u issa m'ghadux, u li kien l-ewwel persuna li ssokkorriet lil Gatt, jirraporta li tally clerk, li jkun isfel, mistoqsi fejn kien Azzopardi rrisponda "*Jien naf! Mhux il-canteen jew?*" Din ix-xhieda ma gietx kontradetta u lanqas ma gie kontradett il-fatt illi kienu Stellini u Anthony Zarb li telghu l-ewwel biex jaraw x'gara lil Gatt, u dan wara li gew imsejha. Din il-Qorti tqis li kieku tassew Azzopardi t-"trainer" kien ezatt taht il-crane, kien ikun hu li jitla' l-ewwel u jara x'gara lit-"trainee" tieghu. Mix-xhieda prodotta u mhux kontradetta, ghalhekk, din il-Qorti tqis li jinsab pruvat li t-trainee kien qieghed jopera l-crane wahdu, bla sorveljanza, la diretta bil-presenza ta' trainer, u lanqas indiretta permezz ta' komunikazzjoni radjofonika.

Jirrizulta illi fil-mument tal-incident, ix-ships clerk, li, suppost f'komunikazzjoni radjofonika kontinwa, jidderiegi lil min ihaddem il-crane minn fuq il-gverta tal-vapur, ma kienx fil-fatt f'postu. Jirrizulta illi dan kien illarga minn fuq xoghlu sabiex ibiddel il-batteriji tar-radio. Il-procedura intuzata biex jinbidlu l-batteriji kienet tinvolvi lil clerk jinzel minn fuq il-vapur u jibdilhom jew tramite shift leader, li ma jkollux postazzjoni fissa, jew billi jmur fil-bini tal-administration huwa stess (ara xhieda ta' Pierre Tonna a fol. 96 u tal-istess ship's clerk Noel Falzon a fol. 122). F'sitwazzjoni bhal din, ix-xoghol gieli jitkompla u gieli jieqaf. Ma jirrizultax lill-Qorti li s-socjeta' intimata qatt ordnat li fin-nuqqas ta' ship's clerk, ix-xoghol ghandu jieqaf. Fic-cirkostanzi, din il-Qorti tqis li galadarba kienet haga komuni li x-xoghol jibqa' ghaddej fl-assenza ta' ship's clerk, kien nuqqas tas-socjeta' intimata li ma hargitx ordnijiet specifici dwar x'jigri fil-kaz ta' bzonn ta' bidla ta' batteriji jew, ghall-grazzja tal-argument, kull sitwazzjoni fejn il-clerk ikollu jinzel minn fuq il-vapur.

Hawnhekk il-Qorti ma tistax ma ticcitax verbatim mill-konkluzjonijiet ta' "incident report" redatt ghas-socjeta' intimata minn Albert Anastasi, manager fl-istess Freeport. Dan xehed ukoll viva voce quddiem din il-Qorti. Fir-rapport tieghu datat l-ghada tal-incident, jghid hekk:

"*One of my ongoing recommendations has always been that if we are after accountability, then we must provide no excuse for anyone to move away from his assigned point. When it comes to the changing of radio batteries, the SL should take these on board and not the other way around – this would ensure that the clerk is always in place and that there are no excuses when he is not. I am not sure what the written procedure is; I am just suggesting the way it should be. It is simply that had the clerk been on board, he would have been in a position to warn the operator in time and this expensive incident would have been easily avoided.*"

Fir-rigward tat-tahrig l-istess Albert Anastasi jirrimarka:

"*I am not the most qualified to draw conclusions regarding operations, but I have my doubts about the way Azzopardi tried to justify the incident re hatch cover clearance and ship movement. I also believe that, among other things, the trainer's job is to teach the trainee how to avoid pitfalls such as this and, in this respect, there is a definite degree of deficiency.*"

Fil-kuntest ta' dan l-istess rapport, il-Qorti ssib li r-rikorrent jistrieh ukoll fuq id-dikjarazzjoni kontenuta fih illi "*.....responsibility for the incident, which fully lies with MFT*". Din l-ammissjoni qed tigi kkunsidrata barra mill-kuntest taghha. Tirreferi ghal responsabilita' fil-konfront tal-vapur u ma ghandha x'taqsam xejn mar-responsability ta' MFT fil-konfront tal-impjegat taghha. Fil-kuntest ta' din l-ammissjoni, l-impjegat huwa wkoll FT (cioe' Freeport Terminals).

Dan ir-rapport, maghmul, kif diga' intqal, ezatt wara l-incident ikompli jsahhah il-fehma ta' din il-Qorti li s-

socjeta' naqset fid-dmir essenzjali taghha li telimina riskji prevedibbli tenut kont tac-cirkostanzi kollha tas-sitwazzjoni. Il-Qorti tifhem li certi aspetti tax-xoghol tas-socjeta' intimata jistghu jkunu minnhom infushom xi ftit riskjuzi, pero' dan ma jezonera qatt lill-istess socjeta' milli tevita dak li hu evitabbli, dover dan li fih naqset. Ma agixxietx ta' "reasonably prudent employer". Ghalhekk, il-Qorti qed tqisha responsabbli.

Is-socjeta' intimata ssostni li r-rikorrent ghandu tort ghaliex kien negligenti. Isostnu li naqas mill-attenzjoni. Din il-Qorti tqis li ma ngabet ebda prova ta' dan. Fis-sottomissjonijiet taghha, Freeport Terminals Limited mbaghad tmur oltre u tghid li galadarba ma kellux komunikazzjoni bir-radio, ir-rikorrenti jmissu waqaf mix-xoghol. Il-Qorti ma taqbilx. Xhieda ta' impjegati uriet li dan in-nuqqas ta' komunikazzjoni ma kinitx haga eccezzjonali (ara "incident report" a fol. 64). Xhieda jikkonfermaw li x-xoghol hafna drabi kien jibqa' ghaddej. Fid-dawl ta' din il-prassi, il-Qorti ma tqisx li kien traskurat ir-rikorrenti meta baqa' ghaddej b'xoghlu meta spiccat il-komunikazzjoni radjofonika.

<u>Danni</u>

L-Art. 1045 tal-Kodici Civili jipprovdi illi:

"***1045.*** *(1) Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skont id-dispozizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-ghemil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qligh iehor attwali, u t-telf ta' qligh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita' ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-ghemil seta' jgib.*

*(2) Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita' tigi stabbilita mill-qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapacita' ikkagunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati.*"

Ir-rikorrenti sofra dizabilita' fizika kawza ta' dan l-incident. Konsulent minnu inkarigat ex parte wasal ghall-

percentwali ta’ 15%, dak nominat minn din il-Qorti rrapporta dizabilita’ fi grad ta’ 5%. Ghalkemm, il-periti perizjuri sussegwentement waslu ghall-figura ta’ 7%, jirrizulta li dawn ezaminaw lir-rikorrent wara li, fil-mori tal-kawza huwa kellu incident iehor fuq il-post tax-xoghol. Peress illi dawn il-periti ma jsemmu xejn dwar it-tieni incident, il-Qorti ghalhekk ma tistax toqghod fuq dak stabbilit minnhom ghaliex mhemmx certezza li huma llimitaw ruhhom ghall-ewwel incident mertu ta’ din il-kawza. Ghalhekk, il-Qorti qieghda tistrieh fuq il-figura ta’ 5%.

Jirrizulta li wara l-incident u minhabba l-istess incident huwa gie kklassifikat bhala impjegat fi grad inqas milli kellu, u cioe’ tpogga fi grad D meta qabel kellu grad F. Din id-differenza fil-paga hija ta’ madwar €2,400 fis-sena u ghalhekk sal-lum, ir-rikorrenti diga’ tilef l-ammont ta’ €19,200, peress illi ghaddew tmien snin mill-incident.

<u>Lucrum Cessans</u>

Il-paga li kien jippercepixxi r-rikorrenti kienet circa €16,000 fis-sena. Skont il-gurisprudenza ta’ dawn il-Qrati, ghandu jitqies ukoll il-prospett kemm ta’ inflazzjoni kif ukoll ta’ zidiet fil-pagi. Il-Qorti qieghda ghalhekk tikkonsidra zieda ta’ 12% mal-paga ta’ €16,000 li tigi ghalhekk €17,920 (ara “Attard vs Sammut”, deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta’ Lulju 2007). Peress illi r-rikorrenti meta wegga’ kellu l-eta’ ta’ 35 sena, ghandu jigi addottat multiplier ta’ 25. Peress illi ghaddew 8 snin mid-data tal-incident, din il-Qorti mhijiex ser taghmel riduzzjoni minhabba “lump sum payment” (ara “Mizzi vs Genovese”, deciza mill-Imhallef R. C. Pace fit-22 ta’ Marzu 2003).

Ghalhekk l-ammont globali li ghandu jircievi r-rikorrenti huwa:

Damnum emergens: €19,200
Lucrum cessans: €89,600
(€17,920 x 25 x 5%)
Total: €108,800

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' intimata, tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-incident li gara fil-Freeport fil-11 ta' Mejju 2005 gara unikament htija ta' Malta Freeport Terminals Limited; tilqa' t-tieni talba u tillikwida d-danni fl-ammont ta' mija u tmient elef u tmien mitt ewro (€108,800); tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lil Malta Freeport Terminals Limited thallas lil Patrick Gatt is-somma ta' mija u tmint elef u tmien mitt ewro (€108,800)[1], bl-ispejjez kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha minn Freeport Terminals Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] B'digriet tal-Qorti tat-2 ta' Dicembru, 2013, il-Qorti laqghet it-talba u tikkoregi s-sentenza fis-sens li l-ammont li ghandu jithallas ghandu jkun ta' €41,600, wiehed u erbghin elf u sitt mitt euro.